MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 301/2006

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-19 ta’ Settembru, 2006 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

(1) Illi b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Ċit nru. ______ fl-ismijiet A vs. B l-Qorti fost diversi *decide* li qalet, fil-paragrafu 21 tas-sentenza ordnat hekk: “*Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri għandha tiġi assenjata esklussivament lill-omm waqt li l-missier sejjer jingħata aċċess iktar ampju u iktar sinifikattiv*

*għal ibnu, billi minflok l-aċċess ordnat fis-sentenza appellat l-aċċess ta' l-appellant għal ibnu jkun is-segwenti:*

(2) Il-provvedimenti l-oħra kollha li jissemmew fis-sentenza appellata dwar il-kura u kustodja u aċċess tal-minuri (fosthom is-sorveljanza ta' l-Aġenzija Appoġġ, il-post minn fejn jittieħed u jinġabar il-minuri, u l-assenza ta' terzi persuni tas-sess oppost li ma humiex parti mill-familja waqt il-kura u kustodja u aċċess) qegħdin jitħallew *in vigore*, mhux għax din il-Qorti hija verament konvinta li huma assolutament neċessarji, iżda sempliċiment għaliex ħadd mill-kontendenti ma ssolleva xi kritika fil-konfront tagħhom."

(3) Illi *nonostante* illi l-Qorti tat il-kura u l-kustodja tal-minuri C lill-konvenuta li bl-ebda mod m'għandu jkun hemm preżenza ta' terzi persuni tas-sess oppost li ma humiex parti mill-familja l-konvenuta fil-fatt qegħda tgħix mal-persuna ta' D mal-minuri msemmi fil-post li jismu "________", ______________________, u li mill-istess D kellha tarbija f'dawn il-ġranet ta' l-istess intavolar ta' dan ir-rikors;

(4) Illi l-esponenti attur ippreżenta rikors fejn talab li l-Qorti tordna l-kura u l-kustodja minħabba l-ksur kontinwu ta' l-ordni tal-Qorti kif indikata fis-sentenza tagħha dwar il-preżenza ta' terzi persuni fil-konfront tal-minuri C, u dan biex jiġi ordnat il-kura u l-kustodja, tgħaddi għand l-attur, rikorrenti;

(5) Illi per konsegwenza ta' dan ir-rikors saret il-medjazzjoni fejn kienet inkonklussiva u għalhekk l-esponenti talab fl-atti ta' l-ittra numru ______ u d-digriet ______ li jiġi awtorizzat li jipproċedi b'kawża skond il-liġi, liema awtorizzazzjoni ġiet mogħtija lir-rikorrenti skond id-digriet numru ______ tat-23 ta' Awissu, 2006;

Illi għalhekk għaldaqstant ir-rikorrenti qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Illi l-kura u l-kustodja tal-minuri C tgħaddi f'idejn ir-rikorrenti A;

2. u li jiġi ffissat aċċess għall-konvenuta B bil-ħinijiet u l-ġranet;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li minn issa qegħda tiġi nġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta, ippreżentata fil-21 ta' Diċembru, 2006, li permezz tagħha esponiet bir-rispett:

1. Illi fil-fehma umli ta' l-esponenti, it-talbiet ta' l-attur A għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu, għaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet:

2. Illi l-premessi magħmula mill-attur joħolqu kunflitt ċar, anke fid-dikotomija ta' kif inhuma miktuba. Fit-tieni paragrafu tar-rikors tiegħu, l-attur jiċċita lill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha mogħtija fit-28 ta' April, 2006 u jgħid illil "*l-provvedimenti l-oħra kollha li jissemmew fis-sentenza appellata dwar il-kura u kustodja u aċċess tal-minuri (fosthom is-sorveljanza ta' l-aġenzija Appoġġ, il-post minn fejn jittieħed u jinġabar il-minuri, u l-assenza ta' terzi persuni tas-sess oppost li ma humiex parti mill-familja waqt il-kura u kustodja u aċċess) qegħdin jitħallew in vigore, mhux għax din il-Qorti hija verament konvinta li huma assolutament neċessarji, iżda sempliċiment għaliex ħadd mill-kontendenti ma ssolleva xi kritika fil-konront tagħhom*", imbagħad huwa jgħid li l-konvenuta qegħda tgħix ma' D. Mela l-Qorti ta' l-Appell qegħda tgħid li hija ħalliet dawn il-provvedimenti għax ħadd ma ssolleva xi kritika u li kieku kien għaliha, hija kienet tneħħihom u issa l-attur qiegħed jipprova jiggranfa mal-punt li diġa' ġie deċiż u jipprova joħloq kontroversja meta ma hemmx lok sabiex din il-kontroversja tinħoloq (Dok. A).

3. Illi fit-tieni lok, minn meta ngħatat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell u *cioe'* mit-28 ta' April,

2006 sad-19 ta’ Settembru, 2006 (meta nfetħet din il-kawża) iċ-ċirkostanzi baqgħu l-istess u ma tbiddel xejn li ma kienx diġa’ magħruf mill-istess Onorabbli Qorti ta’ l-Appell. Illi għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet ta’ l-attur l-għaliex dawn it-talbiet diġa’ ġew deċiżi mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell, u f’din il-kawża kull ma qiegħed isir huwa tentattiv miskin da parti ta’ l-attur sabiex ikompli jdaħħal lill-minuri C fil-kunflitt li huwa stess qiegħed joħloq mal-konvenuta.

4. Illi apparti dan kollu diġa’ sar rapport mis-*social worker* E dwar il-kwistjoni li l-minuri qiegħed jgħix mal-konvenuta u mas-sieħeb tagħha D (Dok. B). Mhux talli s-*social worker* ma sabet xejn xi tgħid dwar dan il-punt, anzi hija rrakkommandat lill-Qorti ta’ l-Appell sabiex il-kura u l-kustodja tal-minuri C tingħata lill-omm u dan kuntrarjament għal dak li kienet iddeċidiet din il-Qorti. Illi l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell aċċettat din ir-rakkommandazzjoni tagħha u dan skond ma jirriżulta mis-sentenza tat-28 ta’ April, 2006.

5. Illi anke filwaqt li kien għad hemm pendenti fil-Qorti ta’ l-Appell il-proċeduri tas-separazzjoni tal-kontendenti odjerni, l-attur intavola rikors sabiex jiġi fdat bil-kura u kustodja tal-minuri C li wkoll ġie miċħud mill-istess Qorti permezz ta’ digriet datat 22 ta’ Awissu, 2005 (Dok. C). Illi dan kollu jindika li dak li qiegħed jagħmel l-attur ma huwa xejn ħlief attentat ieħor sabiex ikompli jagħmel il-ħajja tal-konvenuta u tal-minuri C infern. Illi din il-Qorti għandha għalhekk tiċħad din il-kawża bl-ispejjeż kontra l-istess attur.

6. Salv risposta/i ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali, kompriżi d-diversi digrieti li tat l-istess Qorti.

Semgħet il-partijiet in kontro-eżami wara li huma ppreżentaw l-affidavit tagħhom.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Ġunju, 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob illi jingħata l-kura u l-kustodja ta’ iben il-partijiet wara li l-Qorti ta’ l-Appell permezz ta’ sentenza mogħtija fit-28 ta’ April, 2006 kienet afdat din il-kura u l-kustodja f’idejn il-konvenuta. Fi ftit kliem l-attur qiegħed isostni li minn dak iż-żmien il-konvenuta żiedet l-attivita’ kummerċjali tagħha (hija tiġġestixxi skola ta’ żfin) u allura ma għandhiex biżżejjed ħin għat-tifel, anke *in vista* tal-fatt illi llum il-konvenuta għandha wild ieħor minn persuna li magħha għandha relazzjoni.

Il-Qorti tapprezza li l-attur jixtieq jgħaddi ħin kemm jista’ ma’ ibnu iżda ma tħossx li l-akkaniment li jidher li kien hemm matul il-kors tal-kawża *gia’* deċiża u dik odjerna ser tgħin lill-minuri biex ibati mill-inqas mis-separazzjoni tal-ġenituri tiegħu. Jirriżulta mill-atti li l-minuri għandu relazzjoni tajba ħafna maż-żewġ partijiet u dan huwa element pożittiv ħafna *nonostante* l-akkaniment li jeżisti bejn il-partijiet anke jekk il-Qorti osservat meljorament sostanzjali sakemm damet il-kawża, jista’ jkun minħabba li fil-frattemp iż-żwieġ ġie annullat u allura l-partijiet saru iktar liberi li jibdew ħajjithom mill-ġdid; jidher anke li huma sabu persuni ma’ min jagħmlu dan.

Il-Qorti kollox ma’ kollox tħoss li ma jkunx għaqli għal ġid tal-minuri li hija tbiddel l-i*status quo* eżistenti anke minħabba l-fatt li wara diversi rikorsi ġie stabbilit *modus vivendi* aċċettabbli għaż-żewġ naħat u l-Qorti ċertament ma hijiex ser tbiddel xejn għaliex ma jidhirx li hemm lok għal dan. Għalkemm il-konvenut veru għandha skola ta’ żfin li naturalment il-ħinijiet tax-xogħol tagħha ma jikkonċidux mal-ħin ta’ l-iskola tat-tifel, il-Qorti hija konvinta li l-konvenuta qegħda taqdi dmirha fir-rigward kif suppost u ma jidhirx li dan il-fatt b’xi mod affettwa lit-tifel. Jidher ukoll li l-attur għandu a disposizzjoni tiegħu ħin biżżejjed (naturalment dejjem fiċ-ċirkostanzi) mat-tifel biex stabbilixxa relazzjoni tajba ħafna miegħu tant li meta l-attur għal xi raġuni ma marx għall-aċċess (eżattament

meta kien hemm kwistjoni dwar minn fejn kellu jiġbor it-tifel) l-istess tifel kien jibki għax irid jarah.

**Il-Qorti għalhekk tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tikkonferma l-aċċess u l-modalitajiet ta' l-istess aċċess kif bħalissa eżistenti, tiċħad it-talbiet attriċi. L-ispejjeż tal-kawża fiċ-ċirkostanzi jkunu bla taxxa bejn il-kontendenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------